MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru 425/2003

PULIZIJA
SPETTUR PRISCILLA CARUANA
VS
SAM CHARLES AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sam Charles Aquilina ta’ 27 sena, iben George u Michelina nee’ Briffa, imwieled l-Awstralia nhar it-13 ta’ Mejju 1975, residenti 52, Triq San Frangisk, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 85892(M).

Illi huwa akkuzat talli int akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Dicembru 2002 u fiz-zminijiet ta’ qabel gewwa Hal Luqa, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe trailer ta’ valur li jeccedi l-mitt lira ghad-detriment ta’

Carmelo Bonnet minn Birzebbugia ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Barra minn dan il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mall-hati bhala recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.3) u dak ta' l-imputat (a fol.7);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi skond ix-xhieda ta' l-Ispettura Nadia Lanzon irrizulta illi fis-7 ta' Dicembru 2002, Carmel Bonnet ghamel rapport l-Ghassa Birzebbugia illi kien insteraqlu trailer. Ftit wara l-istess Carmel Bonnet informa lil Pulizija illi kien ra dan it-trailer, fit-22 ta' Dicembru, irmunkat ma' karozza AAB 626 Ford Escort. Spettur Nadia Lanzon (a fol.8) ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet, sabet illi din il-karozza tghajjat lill-imputat Sam Charles Aquilina. Dan gie mitkellem mill-Pulizija u rrilaxxa stqarrija illi fih qal illi kien xtara dan it-trailer **sitt gimghat qabel** minn Hal Luqa. Kien cempel lil sidu fuq *mobile number* illi kien jidher imwahhal fuq dan it-trailer, kien innegozja ma' sidu u xtrah bi prezz ta' sebghin liri Maltin (Lm70). L-imputat, Sam Charles Aquilina, fl-istqarrija tieghu, ta deskrizzjoni shiha ta' dan ir-ragel, li kien jafu biss di vista, izda ma setghax jaghti l-isem u l-kunjom u ma setghax jiftakar it-*telephone number* tal-bejjiegh. L-imputat ikkonferma illi wara li xtrah kien ghamillu ameljorazzjonijiet kif jidher a fol.12. Ikkonferma li kien jaf lil Carmel Bonett u gieli xtara affarijiet minghandu. Illi huwa jichad bl-iktar mod vociferu illi huwa seraq dan it-trailer jew li meta xtrah kien jaf li kien qed jixtri oggett misruq.

PC 853 ikkonferma r-rapport ta' Carmelo Bonett u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS (a fol.15)

Carmelo Bonnet (a fol.18 et seq.) ikkonferma r-rapport tas-serq tal-karru tieghu li jiswa madwar mitt liri Maltin (Lm100) u li xi zmien wara, kien rah Ghar Dalam, irmunkat ma' *van*. Carmelo Bonnett ikkonferma illi kien xtara dan il-karru minghand certu Victor Vella. Carmelo Bonnet xehed illi meta ghamel ir-rapport tas-serq tal-karru u wara illi nnutah fejn Ghar Dalam, huwa kien innota wkoll illi kienu saru xi modifikazzjonijiet fuq dan it-trailer.

Victor Vella (a fol.24) ikkonferma illi huwa kien biegh karru lil Carmelo Bonnet ghal prezz miftiehem.

Philip Casha kkonferma illi huwa jaf lill-imputat u li kien qieghed ma' l-imputat meta raw karru ghal bejgh. Illi huwa cemplu mit-*telephone box* li kienet qeghedha fil-vicinanzi u ftehemu bi prezz ta' sebghin liri Maltin (Lm70). Philip Casha kkonferma illi huwa xtara dan il-karru flimkien ma' l-imputat u fil-fatt kien ta lill-imputat sehemu u cioe hamsa u tletin liri Maltin (Lm35) u flimkien kienu ghamlu l-modifikazzjonijiet necessarji fuq dan il-karru. Mix-xhieda ta' Philip Casha jirrizulta illi dan ma kellu ebda suspett illi l-karru kien misruq.

PS 1225 (a fol.36) ikkonferma illi in segwitu tat-tieni rapport ta' Bonnet, huwa kien nizel fil-post indikat minn Bonnet, u sab it-trailer flimkien mal-vettura AAB 626 Ford Escort misjuqa mill-imputat Aquilina.

Brian Farrugia (a fol.38) rapprezentant ta' l-ADT, ikkonferma li vettura AAB 626 Ford Escort, kienet propjeta' ta' l-imputat Aquilina.

Ex PS 130 Joseph Attard (a fol.54 et seq.) ikkonferma rapport li kien ghamel Bonnet dwar is-serq tal-karru. Ikkonferma l-okkorrenza Dok.PS. Ex PS 130 Joseph Attard ikkonferma li l-imputat innega li seraq dan it-trailer u li kien xtrah minghand persuna li kien jafha di vista ghal prezz ta' sebghin liri Maltin (Lm70). Ikkonferma Dok.MA, l-ircevuta ghat-trailer elevat mill-Pulizija.

A fol.74, in kontro ezami, Carmelo Bonnet xehed illi kien jaf lil Victor Vella ghax kien jahdem mieghu fil-gebel.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma pproduca l-ebda xhieda.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b'ricettazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 li tipprovdi:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati:*

*a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-piena tas-serq, skond il-valur tal-haga;*
*b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*
*c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja"*

Sabiex tali reat jissussisti, l-Prosekuzzjoni jinhtigilha tipprova, mhux biss, illi l-oggett, (f'dan il-kaz il-karru) kien misruq, izda x-xjenza propja, da parti ta' l-imputat, fil-mument tax-xiri ta' l-istess karru illi l-provenjenza tal-karru kienet illecita.

Fil-kawza **Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru 1998, dik il-Qorti rriteniet:

***"Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrekjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkustanzi partikolari tal-***

***kaz, kien missu ragonevolment ikun jaf, li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza."***

Illi, di piu', fil-kawza **Pulizija vs. Tancred Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ottubru 1998, dik il-Qorti kienet ippronunzjat ruhha dwar il-kuncett ta' xjenza fir-reat ta' ricettazzjoni:

***"Illi l-istess ragunament dwar dan l-element tax-"xjenza" japplika a rigward ir-reat ta' ricettazzjoni, skond l-ewwel akkuza. Ga' gie rrilevat qabel illi l-versjonijiet tal-fatti kif moghtija mill-appellat dwar il-provenjenza tal-vettura huma ferm konfliggenti u inverosimili. Dan huwa car daqs il-kristall. Irrizulta fi grad ta' prova rikjest mill-ligi mhux biss l-element materjali skond il-ligi ghal dan ir-reat, izda anke l-element intenzjonali, cioe', ix-"xjenza". Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita', jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza,kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali, 24 ta' Gunju 1961 Il-Pulizija vs George Tabone, u 3 ta' Novembru 1978 Il-Pulizija vs Vincent Calleja.)"***

Bir-rispett kollu, fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprova bla dubbju dettat mir-raguni din ix-xjenza da parti ta' l-imputat. In fatti, l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova il-prezenza ta' cirkostanzi suspettuzi fin-negozju illi iwasslu sabiex il-gudikant jikkonkludi x-xjenza dwar il-provenjenza illecita da parti ta' l-imputat. Dan qieghed jinghad il-ghaliex f'dan il-kaz, il-Qorti ma gietx ringfacciata f'xi negozju klandestin jew xi prezz irrizorju, cirkostanzi minnhom infisshom iwasslu sabiex persuna ta' intelligenza normali, jinduna illi qieghed jinnegozja b'oggetti misruqa. Ghal kuntrarju, l-istess kwerelant, iddikjara ripetutament, illi dan il-karru kien jiswa mitt lira Maltin (Lm100). L-imputat Aquilina, a tempo vergine, iddikjara illi huwa xtara dan il-karru ghal prezz ta' sebghin liri Maltin (Lm70). Illi ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandiex quddiemHa avarija fil-prezz li bih wiehed jista' jikkonkludi negozju ta' oggett misruq. Lanqas ma gie provat illi n-

negozju sar f'cirkostanzi suspettuzi. Di piu', l-imputat iddikjara illi dan it-trailer huwa kien xtrah **sitt gimghat qabel it-22 ta' Dicembru** u **ghaldaqstant xi xahar qabel ma sar ir-rapport ta' din is-serqa.**

Illi, di piu, il-Qorti ghandha x-xhieda ta' Philip Casha illi ddikjara bil-gurament, illi huwa kien xtara dan it-trailer bi shab, flimkien ma' l-imputat u ta deskrizzjoni shiha ta' kif sar il-bejgh u d-dettalji ta' dan in-negozju.

Illi, apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipproduci fedina penali ta' l-imputat Sam Charles Aquilina u minhabba li l-Qorti lanqas ma ghandha akkuza ta' recidiva fil-konfront ta' l-imputat, tista' tassumi biss li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Illi, ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat Sam Charles Aquilina, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------